MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1529/2002

***E. Grech Cristal Bath Ltd***

***vs***

***Philip Attard***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u disa' liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm209.86c) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mal-bejgh u konsenja ta' diversi oggetti u servizzi relatati forniti mis-socjeta' attrici fuq ordni tal-konvenut.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fatturi relattivi kontra l-konvenut.
Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-P.L. Madeleine Firman ghan-nom tas-socjeta' attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u disa' liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm209.86c), kif ukoll l-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**